 minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1957-58

# Sliema W. isofru telfa wara sena u tmien xhur

### It-Tielet Ġurnata

**09-11-1957:**
**Floriana FC – Rabat FC 4-2**
**H.T 2-1**
**Att: 2,949**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 36', P. Demanuele (F) 37', P. Said (R) 43', P. Demanuele (F) 51', Peter Micallef (R) 65' u P. Demanuele (F) pen. 80'.**
**Referee: Joseph F. Galea**

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Eddie Bonnett, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Muscat, John Calleja, Frank Camenzuli, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Frank Camenzuli ta' Rabat u Eddie Bonnett ta' Floriana tkeċċew fil-55 minuta wara li ġew fl-idejn. Huma ġew sospiżi żewġ logħbiet kull wieħed mill-Bord tad-Dixxiplina.
2. Il-goalkeeper Muscat kien qed jagħmel l-unika dehra tiegħu ma' Rabat. Huwa kien ġie akkwistat fit-trasferimenti tas-sajf mingħand Birkirkara.

**10-11-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 6,570**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 23', G. Psaila (Ħ) 26', o.g N. Calleja (Ħ) 74'.**
**Referee: Albert R. Strong (R.A.F)**

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, John Cutajar, Twanny Cassar, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Freddie Borg, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa.

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Salvinu Schembri, Ninu Calleja, Alex Gollcher, Frank Pace, Robbie Buttiġieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr il-player Maurice Walsh li weġġa' ftit ġranet qabel il-partita waqt it-training. Minfloku ddebutta ż-żagħżugħ Frank Pace.
2. Sliema Wdrs daħħlu protest kontra r-riżultat tal-partita minħabba żball tekniku tar-referee. Huma sostnew li kellhom free-kick favur tagħhom li fih il-player Salvinu Schembri darbtejn waqaf fil-ġirja meta kien ser jagħtih minħabba li l-barriera bil-players tal-Ispartans kull darba bdiet tersaq 'il quddiem. Ir-referee Albert Strong minflok ikkoreġa lill-players Ħamrunizi iddeċieda li jagħti l-free-kick favur l-Ispartans. Sliema Wdrs sostnew li r-referee Strong kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu minħabba li f'dak il-ħin il-logħob kien wieqaf u għalhekk ir-referee ma setax jagħti free-kick favur Ħamrun. Sliema Wanderers sostnew li r-referee kien qed jikser Rule 13. Il-protest tagħhom ma ġiex milqugħ.
3. Ir-referee Albert Strong kien qed jirritorna minn sospensjoni ta' tiet ġimgħat wara xi żbalji li kien wettaq fl-ewwel partita ta' dan il-kampjonat bejn Sliema Wanderers u Valletta FC (4-1).
4. Il-goal tar-rebħa Ħamruniża skond il-ġurnal il-Berqa ġie skorjat minn Gejtu Psaila li minn azzjoni ta' corner tefa' l-ballun fix-xibka bil-ballun jaħbat ma' difensur Slimiż. Il-ġurnal Leħen is-Sewwa jispeċifika li Psaila ndirizza l-ballun għal ġewwa u Calleja fit-tentattiv li jikklerja xeħet bir-ras fix-xibka tiegħu stess.
5. Sliema Wanderers sofrew telfa fil-kampjonat wara sena u tmien xhur. L-aħħar darba li ġew megħluba kien, fl-10 ta' Marzu, 1956, meta kienu sfaw megħluba minn Floriana 3-2.

**16-11-1957:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Att: 1,953**
**Skurjaw: G. Dalli pen. (B) 36', Ġ. Pisani (B) 48' u R. Agius (R) 72'.**
**Referee: George Degiorgio**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Toni Caruana, Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Rabat FC:* Edward 'Teddy' Borg, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

**17-11-1957:**
**Floriana FC – St. George's FC 9-1**
**H.T 3-1**
**Att: 3,419**
**Skurjaw: L. Stivala (St.Geo.) 8', T. Cauchi (F) 22' u 27', B. Dalli (F) 43', F. Bonello (F) 55', T. Cauchi (F) 56', L. Borg (F) 60', P. Demanuele (F) 62' u B. Dalli (F) 75' u 85'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Johnnie Bugeja, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Billy Dalli, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*St. George's FC:* A. Busuttil, Bertu Schreiner, Willie Scerri, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Magro, Freddie Delia, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Pace, Salvu 'Scotch' Scicluna, Leli Stivala.

1. Sa dak iż-żmien din kienet l-ikbar rebħa fil-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni minn wara l-gwerra.
2. L-iskor seta' kien ikbar iżda Tony Cauchi kellu żewġ goals imħassra mil-linesman Cassar Naudi minħabba offsides.
3. Billy Dalli, li skorja tliet goals f'din il-partita, jiġi ħu Tony (ta' Floriana) u George Dalli (ta' Rabat).

*Klassifika:* Floriana FC u Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Sliema Wdrs. FC u Birkirkara FC 4 pti.; Rabat FC u Valletta FC 2 pti.; St. George's FC u Hibernians FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers:* T. Cauchi (Floriana FC) 6 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 4 goals; B. Dalli (Floriana FC) 3 goals u P. Said (Rabat FC) 2 goals.

### Ir-Raba' Ġurnata

**23-11-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 2,837**
**Skorja: N. Calleja (S) 85'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Salvinu Schembri, Alfred Dayney, Alex Gollcher, Henry Balghy, Robbie Buttiġieg, Ninu Calleja, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Rabat FC:* Edward 'Teddy' Borg, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri,



Floriana jiċċelebraw goal ta' Pullu Demanuele

Charlie 'Il-Kis' Zahra, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Peter 'Il-Glorja' Micallef.
1. B'sorpriża Pawlu Said ġie nkluż fit-team ta' Rabat wara li tlitt ijiem qabel kien weġġa' ġenbu u kellu jħalli l-ground waqt partita ta' prova bejn Malta U/23 u t-team tas-Servizzi, Malta Territorial Force XI jew kif kienu magħrufa mad-dilettanti 'It-Territorials'.
2. Mal-Wanderers iddebuttaw Henry Balghy u Alfred Dayney. Kien mistenni jirritorna fl-ewwel team il-goalkeeper Ray Cosby li kien irritorna Malta u reġa' ffirma ma' Sliema iżda kien Victor Scerri li żamm postu.

**24-11-1957:**
**Valletta FC –**
**St. George's FC 2-2**
**H.T 1-1**
**Att: 3,125**
**Skurjaw: E. Mizzi (St. Geo) 3', J. Cilia (V) 11', J. Urpani (V) 52' u E. Mizzi (St. Geo) 72'.**
**Referee: Turu Lentini**
*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe Attard, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Frankie Zammit, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Silvio Rapinett.
*St. George's FC*: A. Busuttil, Bertu Schreiner, Willie Xerri, Magro, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.
1. Fl-ewwel goal ta' Valletta, skorjat b'xutt dirett minn freekick ta' Joe Cilia kien hemm devjazzjoni żgħira meta l-ballun ħabat ftit mal-ispalla ta' Nenu Mizzi ta' St. George's.
2. It-tieni goal skurjat minn St. George's ħalla lil kulħadd sorpriż meta xutt ta' Eddie Mizzi dirett lejn il-goalkeeper Montebello deher li ser jiġi salvat b'mod faċli iżda l-ballun għadda minn bejn saqajn il-goalkeeper u spiċċa fix-xibka.
3. Sonny Curmi lagħab għall-ewwel darba ma' Valletta f'dan l-istaġun. Sorsi differenti taw raġuni diversi għall-assenza tal-player fejn verżjoni minnhom kienet minħabba l-istudji tiegħu u verżjoni oħra kienet minħabba li kien imweġġa'. Curmi kien diġà lagħab fit-team tar-Reserves ma' Valletta.

**30-11-1957:**
**Floriana FC**
**– Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 2,871**
**Skorja: T. Cauchi (F) 58'**
**Referee: Salvu Pirotta**
*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Johnnie Bugeja, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.
*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Fred Barry, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Joe Ebejer, Maurice Vella Borg, Charlie 'Kinnie' Schembri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Paul Nelson.
1. Hibernians jidhru li qed iħossu sewwa n-nuqqas tal-players sospiżi tagħhom Fredu Church, Leli Sultana u Ċikku Xuereb meta wara erba' logħbiet kienu jinsabu fil-qiegħ tal-klassifika mingħajr punti u għadhom ifittxu l-ewwel goals. Biex tkompli tiġihom ħażin għal din il-partita kellhom nieqes lill-ex player tal-istess Floriana, Godwin Camilleri, li kien imweġġa'.
2. L-elementi tan-natura għenu xi ftit lil Floriana sabiex jiskorjaw l-uniku goal tal-partita meta cross ta' Pullu Demanuele deher li ser ikun faċli għall-goalkeeper Edwin Gili ta' Hibernians iżda hu deher li ma setax jara bix-xemx dritt f'għajnejh biex daħal Tony Cauchi li rebaħ il-ballun bir-ras u tefgħu fix-xibka.

**01-12-1957:**
**Birkirkara FC**
**– Ħamrun Sp. FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Att: 3,046**
**Skorja: T. Caruana (B) 8'.**
**Referee: George Degiorgio**
*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Frans Cassar, V. Abela, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Toni Caruana, Louis Bugeja, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici.
*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, John Cutajar, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Carmelo 'In-Nene' Grech, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Effie Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.
1. L-Ispartans kienu għoddhom ġabu d-draw seba' minuti mit-tmiem meta Psaila avvanza waħdu lejn il-lasta ta' Birkirkara bi Frans Cassar jiġri warajh u jiġbdu. Meta daħal fil-penalty area Psaila dar jipprotesta mar-referee għall-penalty iżda r-referee ħalla l-logħob sejjer minħabba li l-player Ħamruniż kellu l-ballun f'saqajh u seta' jixxuttja. Frans Cassar ħataf l-okkażjoni u tajjar il-periklu.
2. Ħamrun Spartans għamlu diversi minuti jilagħbu b'għaxar players meta fit-28 minuta l-player tagħhom Freddie Falzon qasam wiċċu u kellu joħroġ. Anke Birkirkara ġralhom l-istess meta fl-40 minuta weġġa V. Abela u rritorna għall-bidu tat-tieni taqsima. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' Abela deher li kien għadu muġugħ u qagħad fil-ground għan-numru.
3. V. Abela kien qed jiddebutta ma' Birkirkara meta daħal minflok Johnnie Gatt wara li dan tal-aħħar fit-22 ta' Novembru kien ġie sospiż mill-Bord tad-Dixxiplina sakemm jidher quddiemhom u jwieġeb għall-imġieba ħażina fl-aħħar ħarġa kontra Rabat FC. Wara, Gatt kien ġie anke mmultat £1. V. Abela kien ġie akkwistat mingħand Gżira United fit-trasferimenti tas-sajf. Akkwist ieħor mingħand Gżira United kien dak ta' A. Gatt li però qatt ma sab post fl-ewwel team Karkariż u kien jilgħab biss fil-kampjonat tar-Reserves.

*Klassifika*: Floriana FC 8 pti.; Sliema Wdrs. FC, Ħamrun Sp. FC u Birkirkara FC 6 pti.; Valletta FC 3 pti.; Rabat FC 2 pti.; St. George's FC 1 pt. u Hibernians FC 0 pti.
*L-Aqwa Skorers*: T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 4 goals u B. Dalli (Floriana FC) 3 goals.